



Il-protezzjoni tad-data personali fil-kuntest tal-pubblikazzjonijiet relatati mal-proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

Konformement mal-obbligi tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġurisdizzjonali tagħha, li tirrikonċilja l-prinċipju ta' pubbliċità tal-ġustizzja u l-informazzjoni taċ-ċittadini mal-protezzjoni tad-data personali ta' persuni fiżiċi msemija fil-kawża li tiġi adita bihom.

L-għoti tal-anonimat fil-kuntest ta' proċeduri mibdija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

Meta parti tqis li jkun neċessarju li ċerta data personali li tikkonċernaha ma tiġix żvelata fil-kuntest ta' pubblikazzjonijiet marbuta ma' kawża mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, hija tista' titlob lil din tal-aħħar tapplika, skont il-każ, l-anonimat, fil-kuntest ta' din il-kawża.

Sabiex tinżamm l-effikaċja tagħha, din it-talba għandha madankollu titressaq kemm jista' jkun malajr fil-proċedura. Minħabba l-użu dejjem jikber ta' teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-obbligi li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-pubblikazzjoni, l-anonimat ikun fil-fatt ħafna iktar diffiċli sabiex jiġi implimentat – u għalhekk hemm ir-riskju li jkun imċaħħad minn kull effett utli – meta l-komunikazzjoni dwar il-kawża kkonċernata tkun diġà ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proċeduri għal deċiżjonijiet preliminari

Meta l-anonimat ikun ingħata mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tosserva dan l-anonimat fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari pendenti quddiemha ¹. Wara t-tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' wkoll tapplika dan l-anonimat *ex officio* jew fuq talba tal-qorti tar-rinviju jew ta' parti fil-kawża prinċipali.

Mill-1 ta' Lulju 2018 ², il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet li tagħmel użu ikbar minn din il-prerogattiva billi tiżgura, fil-pubblikazzjonijiet kollha magħmula fil-kuntest ta'

¹ Artikolu 95 tar-[Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja](#).

² Qabel id-dħul fis-seħħ, fil-11 ta' Diċembru 2018, tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

kawża għal deċiżjoni preliminari, is-sostituzzjoni ta' isem il-persuni fiżiċi li jissemmew fil-kawża b'inizjali mhux relatati. Meta jkun meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja wkoll tinnewtralizza l-elementi komplementari tal-kawża li jistgħu jippermettu identifikazzjoni mill-ġdid tal-persuni kkonċernati.

Din il-protezzjoni tapplika għall-pubblikazzjonijiet kollha involuti fit-trattament tal-kawża, mill-introduzzjoni tagħha sal-għeluq tagħha (pereżempju avviżi fil-Ġurnal Uffiċjali, konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, sentenza), kif ukoll għall-isem tal-kawża nnifisha u għall-metadata assoċjata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu żżomm il-possibilità li tidderoga minn dawn il-linji gwida fil-każ ta' talba espressa mill-persuna kkonċernata jew jekk iċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża jiġġustifikaw dan.

Appelli ppreżentati mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Meta l-anonimat jingħata mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' kawża li tkun is-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju din tal-aħħar tosserva l-anonimat fil-kuntest tal-proċedura pendenti quddiemha. Fuq talba motivata ta' parti fit-tilwima jew *ex officio*, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' barra minn hekk, jekk tqis li jkun neċessarju, tissostitwixxi l-isem ta' persuna jew ta' numru ta' persuni fiżiċi msemija fil-kuntest tat-tilwima permezz ta' inizjali mhux relatati ³.

It-talbiet relatati mal-ipproċessar ta' data personali effettwati fil-kuntest tal-pubblikazzjonijiet ġudizzjarji

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprevedu li r-Reġistratur jieħu f'sieb il-pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, il-pubblikazzjoni tal-Ġabra tal-ġurisprudenza ⁴. It-talbiet dwar l-ipproċessar ta' data personali ta' persuni fiżiċi li jkunu twettqu fil-kuntest tal-pubblikazzjonijiet relatati ma' proċedura ġudizzjarja għandhom għalhekk jiġu indirizzati lir-[Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja](#).

Bħala prinċipju, ir-Reġistratur għandu jiddeċiedi fuq din it-talba f'terminu ta' xahrejn, li fi tmiemhom kull nuqqas ta' tweġiba tikkostitwixxi deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba. Id-deċiżjoni tiegħu tista' sussegwentement, fi żmien xahrejn, tkun is-suġġett ta' lment imressaq quddiem kumitat stabbilit fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa responsabbli sabiex jiżgura l-osservanza tar-regoli relatati mal-protezzjoni tad-data.

³ Artikolu 190(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

⁴ Artikolu 20(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-kundizzjonijiet li fihom ir-Reġstratur u l-kumitat jistgħu jiġu aditi huma ppreċiżati fid-[Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi mekkaniżmu intern ta' superviżjoni fil-qasam tal-ipproċessar ta' data personali mill-Qorti tal-Ġustizzja li taġixxi fil-kapaċità ġudizzjarja tagħha](#).

Il-kumitat għandu terminu ta' erba' xhur sabiex jiddeċiedi dwar l-ilment. Nuqqas ta' tweġiba mill-kumitat f'dan it-terminu tikkostitwixxi konferma impliċita tad-deċiżjoni tar-Reġstratur li kontriha jkun sar l-ilment.

Huwa importanti li jiġi ppreċiżat li l-kumitat huwa kompetenti biss li jaqta' kwistjonijiet dwar id-deċiżjonijiet adottati mir-Reġstratur bħala l-persuna responsabbli għall-ipproċessar inkwistjoni. Ir-riferiment lill-kumitat għalhekk ma jikkostitwixxix rimedju ġudizzjarju kontra deċiżjoni ġudizzjarja adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja.